

**Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tat-13 ta' Settembru 2011 —
Wilfer vs UASI**

(Kawża C-546/10 P)

“Appell — Trade mark Komunitarja — Sinjal figurattiv li jirrappreżenta l-parti ta' fuq ta' kitarra — Rifjut ta' reġistrazzjoni — Raġuni assoluta għal rifjut — Nuqqas ta' karattru distintiv — Eżami ex officio tal-fatti — Artikoli 7(1)(b) u 74(1) tar-Regolament (KE) Nru 40/94 — Ammissibbiltà ta' provi prodotti għall-ewwel darba quddiem il-Qorti Ġenerali — Ugwaljanza fit-trattament”

1. *Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' appell — Kawża quddiem il-qorti tal-Unjoni — Ġurisdizzjoni tal-Qorti Ġenerali — Stħarriġ tal-legalità tad-deċiżjonijiet tal-Bordijiet tal-Appell — Teħid inkunsiderazzjoni mill-Qorti Ġenerali ta' provi marbuta ma' fatti li ma ġewx ippreżentati qabel quddiem id-dipartimenti tal-Uffiċċju — Esklużjoni (Regolament tal-Kunsill Nru 40/94, Artikoli 63 u 74(1)) (ara l-punt 41)*
2. *Trade mark Komunitarja — Definizzjoni u kisba tat-trade mark Komunitarja — Raġunijiet assoluti għal rifjut — Trade marks li ma humiex ta' karattru distintiv — Trade mark figurattiva kkostitwita mir-rappreżentazzjoni bidimensjonali ta' prodott — Karattru distintiv — Kriterji ta' evalwazzjoni (Regolament tal-Kunsill Nru 40/94, Artikolu 7(1)(b)) (ara l-punti 58, 59)*
3. *Appell — Aggravji — Evalwazzjoni żbaljata tal-punti ta' fatt u tal-provi — Inammissibbiltà — Stħarriġ mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-evalwazzjoni tal-punti ta' fatt u tal-provi — Esklużjoni ħliet fil-każ ta' żnaturament (Artikolu 256(1) TFUE; Statut tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 58) (ara l-punti 62, 64)*

Suġġett

Appell mis-sentenza tal-Qorti Ġenerali (Ir-Raba' Awla) tat-8 ta' Settembru 2010, Wilfer vs UASI (T-458/08), li permezz tagħha l-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors

għall-annullament tad-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI, tal-25 ta' Lulju 2008, li tiċħad l-appell mid-deċiżjoni tal-eżaminatur li tirrifjuta parzjalment ir-reġistrazzjoni tas-sinjal figurattiv li jirrappreżenta l-parti ta' fuq ta' kitarra ta' kulur il-fidda, griż u kannella bħala trade mark Komunitarja għal ċerti prodotti li jaqgħu fil-klassijiet 9 u 15 — Karattru distintiv ta' sinjal figurattiv ikkostitwit mir-rappreżentazzjoni bidimensjonali ta' parti minn prodott.

Dispożittiv

- 1) L-appell huwa miċħud.
- 2) H-P. Wilfer huwa kkundannat għall-ispejjeż.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tal-15 ta' Settembru 2011 — Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni

(Kawża C-544/09 P)

“Appell — Għajnuna mill-Istat — Introduzzjoni tat-televiżjoni diġitali terrestri fir-reġjun Berlin Brandenburg — Artikolu 87(3)(ċ) KE — Falliment tas-suq — Proporzjonalità — Newtralità fuq il-livell teknoloġiku — Effett ta' incientiv”

1. *Għajnuna mogħtija mill-Istati — Kompatibbiltà ta' għajnuna mas-suq komuni — Għajnuna li ttipprovi titjib tas-sitwazzjoni finanzjarja tal-impriża benefiċjarja mingħajr ma tkun meħtieġa sabiex jintlaħqu l-għanijiet previsti fl-Artikolu 87(3) KE — Assenza — Finanzjament pubbliku tal-bidla lejn it-televiżjoni diġitali terrestri — Evalwazzjoni tal-kriterju ta' neċessità (Artikolu 87(3) KE) (ara l-punti 44, 46-48)*